



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 20 ta' Novembru 2012 (26.11)
(OR. en)**

15498/12

**SIRIS 95
COMIX 600**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	COREPER/Stati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill
Nri dok. preċ.: Suġġett:	9320/12 SIRIS 27 COMIX 277 12224/12 SIRIS 59 ENFOPOL 221 EUROJUST 61 COMIX 429 14985/12 SIRIS 89 COMIX 570 Preżentazzjoni tal-kontijiet ta' SISNET 2011

1. L-Artikolu 48 tar-Regolament Finanzjarju tas-SISNET kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE tas-27 ta' Marzu 2000 dwar it-twaqqif ta' regolament finanzjarju li jirregola l-aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-baġit tat-treġġja mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, ta' kuntratti konklużi f'ismu, f'isem ċerti Stati Membri, li jirrelataw għall-istallazzjoni u l-ħidma tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent Schengen, "SISNET"¹, kif sussegwentement emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/664/KE tat-23 ta' Ottubru 2000², id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/171/KE tas-27 ta' Frar 2003³, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/155/KE ta' 5 ta' Marzu 2007⁴, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/319/KE ta' 14 ta' April 2008⁵, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/670/ĠAI⁶ ta' 24 ta' Lulju 2008 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/915/KE tat-30 ta' Novembru 2009⁷, jipprevedi li – wara l-verifika tal-kontijiet mill-Qorti tal-Awdituri – l-Istati Membri msemminja fl-Artikolu 25, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, għandhom jagħtu l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit.

¹ ĠU L 85, 6.4.2000, p. 12.
² ĠU L 278, 31.10.2000, p. 24.
³ ĠU L 69, 13.3.2003, p. 25.
⁴ ĠU L 68, 8.3.2007, p. 5.
⁵ ĠU L 109, 19.4.2008, p. 30.
⁶ ĠU L 220, 15.8.2008, p. 19.
⁷ ĠU L 323, 10.12.2009, p. 9.

2. Il-kontijiet tad-dħul u n-nefqa u l-karti tal-bilanċ għall-2011 jinsabu f'9320/12 SIRIS 27 COMIX 277. Ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri jinsab f'12224/12 SIRIS 59 ENFOPOL 221 EUROJUST 61 COMIX 429.
3. Id-dokumenti ta' hawn fuq ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (SIS/SIRENE) li, fil-laqgħat tiegħu tat-18 ta' Lulju 2012 u l-15 ta' Novembru 2012, aċċettahom mingħajr kumment u qabel li huma għandhom jiġu ppreżentati lil-laqgħa tal-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill.
4. **Għaldaqstant, il-COREPER huwa mistieden jressaq quddiem l-Istati Membri, imsemmijin fl-Artikolu 25 tar-Regolament Finanzjarju msemmi hawn fuq, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, l-kontijiet tad-dħul u l-infiq, il-karti tal-bilanċ u r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, sabiex, abbażi tal-Artikolu 48 *in fine* ta' dak ir-Regolament Finanzjarju, jagħtu l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għall-2011.**